

ISSN 1831-1318



IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI



IR-RAPPORT
TA' ATTIVITÀ
ANNWALI

2010

MT

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea***

Numru tat-telefon waħdieni bla ħlas (*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(*) Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għal numri 00 800 jew inkella dawn
it-telefonati jkunu bi ħlas

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2011

ISBN 978-92-9237-102-9

doi:10.2865/9794

© L-Unjoni Ewropea, 2011

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Printed in Belgium

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR ELEMENTARI (ECF)



Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

IR-RAPPORT TA' ATTIVITÀ ANNWALI



IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

IL-MISSJONI

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija l-Istituzzjoni tal-UE mwaqqfa bit-Trattat sabiex twettaq il-verifika tal-finanzi tal-UE. Bħala l-awditur estern tal-UE hija tikkontribwixxi għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE u taġixxi bħala l-gwardjan indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini tal-Unjoni, u tippromwovi l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza.

IL-VIŻJONI

Qorti tal-Awdituri indipendenti u dinamika, rikonoxxuta għall-integrità u l-imparzjalità tagħha, irrispettata għall-professjonaliżmu tagħha u għall-kwalità u l-impatt ta' xogħolha, u li tipprovdi sostenn kruċjali għall-partijiet interessati tagħha sabiex itejbu l-ġestjoni tal-finanzi tal-UE.

IL-VALURI

Il-Qorti tal-Awdituri hija impenjata lejn:

L-INDIPENDENZA, L-INTEGRITÀ U L-IMPARZJALITÀ	IL-PROFESSIONALIŻMU	IŻ-ŻIEDA FIL-VALUR	L-EĊĊELLENZA U L-EFFIĊJENZA
L-indipendenza, l-integrità u l-imparzjalità għall-istituzzjoni, għall-Membri u għall-persunal tagħha	Iż-żamma ta' standards għolja u eżemplari fl-aspetti professjonali kollha	Il-produzzjoni ta' rapporti relevanti, f'waqthom u ta' kwalità għolja, ibbażati fuq sejbiet u evidenza sodi, li jindirizzaw it-tħassib tal-partijiet interessati u jagħtu messaġġi qawwijin u awtoritattivi	L-għoti ta' valur lill- individwi, l-iżvilupp ta' talenti u l-ippremjar għal prestazzjoni
L-għoti ta' prodott adegwat lill-partijiet interessati mingħajr ma tfittex istruzzjonijiet jew iċċedi għal pressjoni minn kwalunkwe sors barrani	L-involvement fl-iżvilupp tal-verifika pubblika fl-UE u madwar id-dinja	Il-kontribuzzjoni għal titjib effettiv tal-ġestjoni tal-UE u għal kontabilità mtejba fil-ġestjoni tal- fondi tal-UE	L-iżgurar ta' komunikazzjoni effettiva sabiex tippromwovi spirtu ta' tim
			L-użu massimu tal- effiċjenza fl-aspetti kollha ta' xogħolha

WERREJ

Pàġni

4 – 5	KELMTEJN MINN QABEL MINGĦAND IL-PRESIDENT
7	L-2010 F'DAQQA T'GĦAJN
9 – 25	L-ATTIVITAJIET TAGĦNA
9 – 22	Ir-rapporti u l-opinjonijiet tal-verifika
23 – 25	Il-koperazzjoni ma' SAls oħrajn
26 – 45	IT-TMEXXIJA TAGĦNA
26 – 27	L-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-2009 sal-2012
28 – 33	Il-kejl tal-prestazzjoni tal-Qorti fl-2010
34 – 39	Is-sostenn tal-verifika
40 – 42	Informazzjoni finanzjarja
43 – 45	Il-verifika u l-obbligu ta' rendikont



KELMTEJN MINN QABEL MINGĦAND IL-PRESIDENT



Merħba fir-raba' edizzjoni tar-Rapport ta' Attività Annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Din is-sena ħadna l-opportunità norganizzaw il-kontenut mill-ġdid f'żewġ taqsimiet prinċipali: 'L-attivitàjiet tagħna' u 'It-tmexxija tagħna', u nippreżentaw għall-ewwel darba sett sħiħ ta' indikaturi tal-prestazzjoni.

L-2010 tat żewġ opportunitajiet sinifikanti lill-Qorti biex din tikkontribwixxi għad-dibattitu dwar ir-riforma tal-ġestjoni tal-fondi tal-UE. Fil-bidu tas-sena, il-Qorti tat opinjoni lill-Kummissjoni l-ġdida dwar ir-riskji u sfidi prinċipali għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE u, aktar tard fis-sena, dwar il-proposti tagħha għall-emendar tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit tal-UE. Fl-istess ħin il-Qorti kkontribwiet ukoll għad-djalogu interistituzzjonali dwar il-ġestjoni ekonomika tal-Unjoni, b'enfasi fuq l-importanza li tkun żgurata verifika, obbligu ta' rendikont u trasparenza adegwati għal kwalunkwe mekkaniżmu ta' stabbiltà permanenti. Barra dan, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Qorti kienet meħtieġa tgħaddi r-rapport annwali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE lill-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri.

Is-sena rat ukoll żvilupp sinifikanti fil-professjoni tal-verifika pubblika – l-adozzjoni ta' standards internazzjonali ġodda għall-istituzzjonijiet supremi tal-verifika. Dan ir-rapport jenfasizza l-kontribuzzjoni tal-Qorti f'dawn l-aħħar snin għall-iżvilupp ta' dawn l-istandards li se nkunu qegħdin napplikaw f'xogħolna fil-ġejjieni. Fl-2010 l-Qorti kkooperat ukoll mal-istituzzjonijiet supremi tal-verifika tal-Istati Membri biex jiġu żviluppati approċċi innovattivi u armonizzati għall-verifika tal-fondi tal-UE, u ħadet sehem fi proġett pilota li jinvolvi verifiki kkoordinati dwar ir-regolarità tan-nefqa agrikola mal-uffiċċji nazzjonali tal-verifika tar-Repubblika Ċeka u tal-Pajjiżi l-Baxxi.

Matul l-2010, il-Qorti laqgħet tmien Membri ġodda u għamilna xi bidliet importanti fit-tisħiħ tat-tmexxija interna u għas-semplifikazzjoni tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Tispikka din il-bidla waħda: il-Qorti adottat regoli interni ġodda li jistabbilixxu sistema ta' Awli għall-adozzjoni ta' rapporti u opinjonijiet tal-Qorti. It-taqsima 'It-tmexxija tagħna' tiddekrivi l-implikazzjonijiet f'aktar dettall. Hija tagħti wkoll rendikont tar-riżorsi li kellna għad-dispożizzjoni tagħna fl-2010 u l-miżuri li ħadna biex intejbu aktar l-effiċjenza u l-effettività tagħna.

Filwaqt li tħares 'il quddiem lejn l-2011, il-Qorti se tkompli tapplika l-valuri tagħha u tibni fuq il-kisbiet tagħha. Aħna se nkomplu nipproduċu rapporti u opinjonijiet ta' kwalità għolja, indipendenti u oġġettivi li jikkontribwixxu għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE u li jippromwovu l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza. B'mod partikolari l-Qorti se tkompli ssegwi mill-qrib l-iżviluppi fil-ġestjoni ekonomika Ewropea kif ukoll tgħarbel il-proposti leġiżlattivi l-ġodda li jolqtu l-ġestjoni finanzjarja tal-UE wara l-2013.

Fl-għażla u fl-ippjanar tal-kompiti inklużi fil-programm ta' ħidma għall-2011, it-tħassib prinċipali tal-Qorti kien iż-żieda fil-valur. Aħna nipplanaw li nippubblikaw 45 rapport annwali, li jikkomprendu r-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE u l-Fondi Ewropej għall-iżvilupp kif ukoll rapporti annwali speċifiċi dwar l-aġenziji u l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra. Rapporti speċjali jagħtu opportunità sinifikanti għal żieda fil-valur billi jiffukaw fuq oqsma ta' riskju għoli u billi jindirizzaw temi ta' relevanza partikolari lill-partijiet interessati. B'mod partikolari l-Qorti bi ħsiebha tirrapporta dwar il-kwalità tal-infiq tal-UE fuq firxa ta' temi, mill-inġinerija finanzjarja u l-faċilità ta' garanzija għall-SMEs sa proġetti ta' gvern elettroniku ffinanzjati mill-UE u l-iskema ta' Pagament Uniku għall-agrikoltura.

Il-kapaċità tal-Qorti li twassal il-programm ta' ħidma tagħha għall-2011 tiddependi ħafna fuq l-effiċjenza tal-organizzazzjoni tagħha u fuq l-eċċellenza ta' niesha. Filwaqt li tkompli timplimenta l-istrateġija tagħha għall-2009-12, il-Qorti tistenna li tibda taħsad il-benefiċċji sħaħ tar-riformi reċenti tagħha, inklużi l-proċeduri semplifikati tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Il-Qorti se tkompli tagħmel l-isforzi tagħha biex tirrekluta l-persunal xieraq, biex iżżomm karigi vakanti għal livell minimu u biex issostni l-iżvilupp professjonali tal-persunal tagħha.

Mingħajr l-impenn u l-professjonaliżmu ta' dawk kollha li jaħdmu fil-Qorti l-kisbiet tagħna fl-2010 ma kinux ikunu possibbli. Nixtieq nirringrazzja lill-kollegi tagħna għall-impenn tagħhom biex jagħmlu l-istituzzjoni tagħna gwardjan effettiv u indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini tal-Unjoni.



Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
President

L-2010 F'DAQQA T'GĦAJN

L-ATTIVITAJIET TAGĦNA

- **Rapporti annwali** dwar il-baġit tal-UE u dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2009
- **40 rapport annwali speċifiku** dwar l-aġenziji, l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE għas-sena finanzjarja 2009
- **14-il rapport speċjali**, l-aktar verifiki tal-prestazzjoni
- **Opinjoni** dwar it-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-baġit tal-UE
- **Ħames opinjonijiet oħra** dwar leġiżlazzjoni ġdida jew emendata tal-UE, inkluż dwar il-proposta għar-regolament finanzjarju rrevedut
- Kontribuzzjoni estensiva għall-**professjoni tal-verifika pubblika** u għall-komunità internazzjonali, inkluż għall-iżvilupp ta' standards ġodda għall-istituzzjonijiet supremi tal-verifika (ISSAIs)
- Proġett pilota li jinvolvi **verifiki kkoordinati** mal-istituzzjonijiet supremi tal-verifika tar-Repubblika Ċeka u tal-Pajjiżi l-Baxxi dwar ir-regolarità tan-nefqa agrikola

IT-TMEXXIJA TAGĦNA

- Preżentazzjoni ta' sett sħiħ ta' **indikaturi tal-prestazzjoni prinċipali**, li juru sodisfazzjon konsiderevoli mill-partijiet interessati fil-kwalità tax-xogħol tal-Qorti
- Reviżjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Qorti, bl-introduzzjoni ta' **Awli** biex jiġi ssemplifikat it-teħid ta' deċiżjonijiet
- Reklutaġġ ta' 97 **impjegat** ġdid, li rriżulta fi tnaqqis fil-karigi vakanti għal inqas minn 5 % għall-ewwel darba
- It-tkomplija tat-tqassim mill-ġdid tal-persunal lejn il-verifika bħala riżultat ta' **kisbiet fl-effiċjenza** fis-servizzi ta' sostenn

L-ATTIVITAJIET TAGĦNA

IR-RAPPORTI U L-OPINJONIJIET TAL-VERIFIKA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandha tliet prodotti prinċipali:

- **rapporti annwali**, li fihom ir-riżultati tax-xogħol tal-verifika finanzjarja u tal-konformità tagħha dwar snin finanzjarji speċifiċi (inklużi rapporti annwali speċifiċi ppubblikati separatament dwar l-aġenziji u l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-Unjoni Ewropea);
- **opinjonijiet** dwar abbozzi ta' leġislazzjoni b'impatt fuq il-ġestjoni finanzjarja.
- **rapporti speċjali**, ippubblikati matul is-sena, li jippreżentaw ir-riżultati tal-verifiki magħżula tagħha, l-aktar verifiki tal-prestazzjoni li jivvalutaw l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività dwar oqsma magħżula ta' dħul u nfiq tal-UE; u

L-għadd ta' rapporti u opinjonijiet	2006	2007	2008	2009	2010
Rapporti annwali (il-baġit tal-UE u l-FEI)	2	2	2	2	2
Rapporti annwali speċifiċi (l-aġenziji, l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE)	23	29	29	37	40
Rapporti speċjali	11	9	12	18	14
Opinjonijiet	8	9	5	1	6

It-test sħiħ ta' kull rapport u opinjoni huwa disponibbli fuq il-websajt tal-Qorti (www.eca.europa.eu).

Ir-rapporti annwali dwar is-sena finanzjarja 2009

Il-Qorti tidħol għal verifiki finanzjarji annwali tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp, u tal-aġenziji, l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE. Ir-riżultati ta' dawn il-verifiki huma ppreżentati lill-awtoritajiet politiċi tal-UE, lill-Parlament u lill-Kunsill, fir-rapporti annwali tagħha. Il-Qorti tiddedika proporzjon sinifikanti tar-riżorsi tagħha għat-tħejjija ta' dawn ir-rapporti.

Ir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għall-2009

Matul l-2010, il-Qorti wettqet il-parti l-kbira tax-xogħol tal-verifika finanzjarja u tal-konformità tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għall-2009, u pproduċiet is-sittax-il dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha (DAS). Ir-riżultati ta' dan ix-xogħol ġew ippreżentati lill-partijiet interessati fid-9 ta' Novembru 2010 fir-rapport annwali tal-Qorti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għall-2009¹.

¹ ĠU C 303, 9.11.2010.

Il-messaġġi ewlenin tar-rapport annwali kienu:

- Il-kontijiet tal-Unjoni Ewropea taw preżentazzjoni ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja u r-riżultati tal-operazzjonijiet u l-flussi tal-likwidità.
- Il-pagamenti mill-baġit baqgħu materjalment milquta minn żbalji, ħlief f'żewġ oqsma tan-nefqa (l-affarijiet ekonomiċi u finanzjarji, u l-amministrazzjoni).
- Ir-rata mogħtija mill-Qorti tal-iżball l-aktar probabbli fl-infiq tal-koeżjoni kienet aktar baxxa b'mod sinifikanti milli fis-snin ta' qabel; u għall-baġit fit-totalità tiegħu, ir-rata ta' żball kienet tbaxxiet matul dawn l-aħħar snin.
- Il-Kummissjoni kienet tejbet l-informazzjoni li tat dwar irkupri ta' ammonti mħallsa b'mod irregolari u korrezzjonijiet oħra. Madankollu din l-informazzjoni ma kinitx għadha affidabbli għal kollox. Id-data mill-Kummissjoni għall-korrezzjonijiet ma setgħetx titqabbel mar-rata stmata ta' żball b'mod li jagħmel sens.



Fir-rapport il-Qorti għamlet rakkomandazzjonijiet dwar kif għandha tittejjeb il-**ġestjoni finanzjarja** permezz tat-tisħiħ tas-sistemi tal-ġestjoni u s-semplifikazzjoni tar-regoli u tar-regolamenti.

Ir-rapport annwali dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp għall-2009

Il-Qorti ppubblikat ir-rapport annwali tagħha dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEI) għas-sena finanzjarja 2009 fid-9 ta' Novembru 2010, flimkien mar-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għall-2009.

Il-Qorti kkonkludiet li l-kontijiet tal-FEI għall-2009 ppreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-FEI, u li l-operazzjonijiet u l-flussi tal-likwidità tagħhom kienu skont ir-regolament finanzjarju. Id-dħul tal-FEI kien ħieles minn żball materjali. L-impenji u l-pagamenti tal-FEI kienu ħielsa minn żball materjali. Madankollu ġew milquta minn żbalji frekwenti li mhumex kwantifikabbli.

Il-Qorti vvalutat is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll bħala parzjalment effettivi fl-iżgurar tar-regolarità tal-pagamenti.

Fir-rapport il-Qorti għamlet rakkomandazzjonijiet dwar it-titjib ta' aspetti tal-ġestjoni finanzjarja tal-FEI, bħall-**kosteffettività** tal-kontrolli fuq l-infiq, fuq il-verifika annwali ta' proġetti magħluqa, u fuq l-użu u l-monitoraġġ tas-**sostenn tal-baġit**.

Ir-rapporti annwali speċifiċi dwar l-aġenziji u l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE għall-2009

Il-Qorti ppubblikat 40 rapport annwali speċifiku għas-sena finanzjarja 2009 dwar l-aġenziji u l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE, f'Diċembru 2010².

L-aġenziji tal-Unjoni jkopru varjetà wiesgħa ta' kompiti f'postijiet differenti madwar l-Unjoni. Kull aġenzija għandha mandat speċifiku u tamministra l-baġit tagħha stess. Il-Qorti tat opinjonijiet mhux kwalifikati għall-entitajiet kollha vverifikati, ħlief għall-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini. F'dawn il-każijiet il-Qorti kkwalikafat l-opinjoni tagħha minħabba nuqqasijiet f'ċerti proċeduri ta' akkwist.


² ĠU C 338, 14.12.2010 u ĠU C 342, 16.12.2010.

Rapporti speċjali fl-2010

Il-Qorti tagħżel u tfassal il-kompiti tal-verifika tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħha sabiex tkabbar l-impatt tagħhom kemm jista' jkun, u b'hekk tagħmel l-aqwa użu tar-riżorsi ddedikati għal dawn il-kompiti. Meta tagħżel it-temi, il-Qorti tqis:

- ir-**riskji** għall-prestazzjoni jew għall-konformità għall-qasam partikolari ta' dħul jew nefqa;
- il-**livell** ta' dħul jew infiq involut;
- iż-**żmien** li jkun għadda minn kwalunkwe verifika preċedenti;
- l-**iżviluppi** li għadhom ġejjin, fl-oqfsa regolatorji jew operazzjonali; u
- l-**interest** politiku u pubbliku.

Kompiti tal-prestazzjoni u tal-konformità magħżula jeħtieġu ppjanar u eżekuzzjoni b'attenzjoni biex tinkiseb l-evidenza meħtieġa. Barra dan, il-Qorti tagħti l-opportunità lil min qiegħed jiġi vverifikat biex iqis is-sejbiet tagħha u jfhejji tweġibiet qabel ma tippubblika r-rapport. B'riżultat ta' dan, dawn il-verifiki ġeneralment jeħtieġu aktar minn sena biex jitwettqu.



IL-PASSI PRINĊIPALI FIL-VERIFIKA TAL-PRESTAZZJONI JEW TAL-KONFORMITÀ MAGĦŻULA

Studju preliminari biex tiġi ddeterminata l-fattibbiltà tal-verifika f'aktar dettall.

Ippjanar fid-dettall li jistabbilixxi l-oġġettivi u l-ambitu, u l-approċċ u l-metodi tal-verifika li għandhom jintużaw.

Xogħol fuq il-post b'timijiet multidixxiplinarji li jiġbru l-evidenza fuq il-post fil-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni u fi stati membri u dawk benefiċjarji.

Analiżi tas-sejbiet u konferma tal-fatti ma' min qiegħed jiġi vverifikat.

Tħejjija tal-abbozz tar-rapport speċjali.

Proċedura 'kontradittorja' mal-istituzzjoni tal-UE li qiegħda tiġi vverifikata.

Pubblikazzjoni tar-rapport speċjali fi 22 ilsien uffiċjali, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet tal-UE vverifikati.

Il-Qorti adottat **14-il rapport speċjali** b'kolloxx fl-2010. F'dawn ir-rapporti speċjali l-Qorti tagħmel **rakkomandazzjonijiet** dwar it-titjib tal-ġestjoni finanzjarja. Ir-rakkomandazzjonijiet jissuġġerixxu kif id-dgħufijiet identifikati matul il-verifika għandhom mnejn jiġu indirizzati; huma mod ewlieni ta' kif il-Qorti tikseb impatt b'xogħolha.

Ir-rapporti speċjali adottati mill-Qorti fl-2010 huma ppreżentati fil-qosor hawn isfel taħt l-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali kurrenti³ – il-baġit multiannwali tal-UE. Il-verżjonijiet sħaħ huma disponibbli fuq il-websajt tal-Qorti (www.eca.europa.eu) jew permezz tal-EU bookshop.

³ Iċ-ċifri kkwotati jirriflettu r-reviżjonijiet differenti għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2007–13 u l-prezzijiet kurrenti (sors: il-Kummissjoni Ewropea).


Tkabbir sostenibbli

It-tkabbir sostenibbli jkopri żewġ temi: il-kompetittività għat-tkabbir u għall-impjiegi u l-koeżjoni għat-tkabbir u għall-impjiegi. Il-kompetittività tinkludi l-finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, il-konnessjoni tal-Ewropa permezz ta' networks tal-UE, edukazzjoni u taħriġ, il-promozzjoni tal-kompetittività f'suq uniku integrat għal kollox, u l-aġenda tal-politika soċjali kif ukoll id-dekummissjonar nukleari. Il-baġit tal-UE għall-promozzjoni tal-kompetittività għat-tkabbir u għall-impjiegi għall-2007–13 jammonta għal EUR 89,4 biljun, 9,2 % tal-baġit totali għall-perjodu. Qrib żewġ terzi ta' dawn il-flus qegħdin jintefqu fir-riċerka u l-iżvilupp.

Il-koeżjoni għat-tkabbir u għall-impjiegi tikkonċerna l-aktar il-politika tal-Koeżjoni, li hija implimentata permezz ta' fondi li jkopru oqsma definiti ta' attivitajiet, inklużi l-Fond Soċjali Ewropew, il-fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Il-fondi jintefqu taħt ġestjoni maqsuma bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Il-baġit tal-Koeżjoni tal-UE għall-2007–13 huwa ta' EUR 348,4 biljun (35,7 % tat-total).

Matul l-2010, il-Qorti adottat ir-rapporti speċjali li ġejjin f'dan il-qasam:

- L-effettività tal-iskemi ta' sostenn għall-Istudji fid-Disinn u l-Kostruzzjoni ta' Infrastrutturi Ġodda (Ir-rapport speċjali Nru 2/2010). L-Istudji fid-Disinn jittestjaw il-fattibbiltà ta' faċilitajiet ta' riċerka potenzjali u l-iskema ta' Kostruzzjoni ta' Infrastrutturi Ġodda ssostni l-iżvilupp ta' infrastruttura tar-riċerka ġdida jew imtejba. Il-verifika vvalutat jekk dawn l-iskemi kkontribwewx b'mod effettiv għall-ilħuq tal-oġġettivi tal-Infrastrutturi tar-Riċerka tas-Sitt Programm ta' Qafas għar-Riċerka għall-2002–06.
- Il-Valutazzjonijiet tal-Impatt fl-istituzzjonijiet tal-UE: huma ta' appoġġ għat-teħid tad-deċiżjonijiet? (Ir-rapport speċjali Nru 3/2010). Il-valutazzjoni tal-impatt hija sies fundamentali tal-politika ta' Regolamentazzjoni Aħjar għat-titjib u s-semplifikazzjoni ta' proposti leġiżlattivi tal-UE. Il-verifika eżaminat jekk il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni kinux effettivi fl-appoġġ għat-teħid tad-deċiżjonijiet mill-istituzzjonijiet tal-UE. Is-sejbiet ta' dan ir-rapport huma rilevanti għal oqsma oħra tal-baġit.



- Hemm probabbiltà li t-tfassil u l-ġestjoni tal-iskema ta' mobbiltà tal-programm Leonardo da Vinci jwasslu għal riżultati effettivi? (Ir-rapport speċjali Nru 4/2010). L-iskema ta' mobbiltà Leonardo tippermetti l-organizzazzjonijiet involuti fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali biex jibagħtu parteċipanti f'pajjiż Ewropew ieħor għal perjodi ta' studju – hija parti mill-Programm integrat ta' Tagħlim Tul il-Ħajja. Il-verifika eżaminat jekk l-iskema x'aktarx li tkun effettiva abbażi ta' valutazzjoni tat-tfassil u tal-ġestjoni tagħha mill-Kummissjoni u mill-aġenziji nazzjonali.
- L-infiq tal-Miżuri Strutturali tal-UE fuq il-provvista tal-ilma għall-konsum domestiku qed jintuża bl-aqwa mod? (Ir-rapport speċjali Nru 9/2010). Il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali taw 'il fuq minn EUR 4 biljun f'sostenn għal proġetti għal sistemi ta' provvista tal-ilma domestiku fil-perjodu tal-ipprogrammar 2000–06. Il-Qorti eżaminat jekk dawn il-flus intużawx b'mod effettiv biex jissodisfaw għadd ta' ħtiġijiet, inkluża l-ħtieġa għat-titjib tad-disponibbiltà tal-ilma, il-kopertura tal-popolazzjoni, l-effiċjenza tas-sistemi u l-kwalità tas-servizz.
- It-titjib tal-prestazzjoni tat-trasport fuq l-assi ferrovjarji trans-Ewropej: L-investiment tal-UE fl-infrastruttura ferrovjarja kien effettiv? (Ir-rapport speċjali Nru 8/2010) (ara l-kaxxa: 'Fokus fuq verifika tal-prestazzjoni').

FOKUS FUQ VERIFIKA TAL-PRESTAZZJONI

IT-TITJIB TAL-PRESTAZZJONI TAL-TRASPORT FUQ L-ASSI FERROVJARJI TRANS-EWROPEJ: L-INVESTIMENT TAL-UE FL-INFRASTRUTTURA FERROVJARJA KIEN EFFETTIV? (IR-RAPPORT SPEĊJALI NRU 8/2010)

Il-verifika ffukat fuq il-kofinanzjament tal-UE tal-infrastruttura ferrovjarja u eżaminat l-**effettività** tagħha fit-titjib tal-prestazzjoni tal-assi trans-Ewropej. Il-Qorti kkonkludiet li jistgħu jittieħdu xi azzjonijiet biex jinkiseb aktar valur għall-flus tal-UE iżda li l-finanzjament tal-UE kkontribwixxa għall-għoti ta' possibbiltajiet ġodda għat-trasport ferrovjarju trans-Ewropew. Peress li l-linji gwida tat-TEN-T kienu waslu biex jiġu rreveduti fl-2011, ir-rapport tal-Qorti kien partikolarment f'waqtu.

Il-Qorti rrakkomandat li l-Kummissjoni għandha:

- taħdem mal-Istati Membri u mal-istituzzjonijiet ferrovjarji biex tidentifika dawk il-kurituri trans-Ewropej li għalihom hemm domanda sinifikanti għal servizzi trans-Ewropej, u ssaħħaħ il-bażijiet tal-għarfien u tal-analizzijiet fejn meħtieġ;
- tqis li ssir aktar enfasi fuq it-tnaqqis ta' restrizzjonijiet prattiċi għat-trasport ferrovjarju li jaqsam il-fruntieri; u
- tteġġeg u tiffaċilita l-kollaborazzjoni fost l-istituzzjonijiet ferrovjarji tal-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jippjanaw żviluppi flimkien u jsibu soluzzjonijiet għal problemi prattiċi.



"Il-verifika ppreżentat xi sfidi għat-tim", skont Gareth Roberts, il-mexxej tat-tim tal-verifika, "Kellna nitgħallmu malajr ħafna dwar ir-realtajiet tal-assi ferrovjarji tal-Ewropa, u rajna xi wħud mis-suċċessi ta' assi ferrovjarji moderni tal-għaġeb u wkoll kif xi partijiet min-netwerk donnhom ġejjin minn era oħra. Konna interessati naraw kemm l-assi ferrovjarji tal-Ewropa qegħdin jiċċaqalqu minn xi ħaġa magħmula minn diversi partijiet għal netwerk. Kien sa għaxar awdituri involuti fix-xogħol, għax kellna nkopru ħafna ilsna differenti".

"Apprezzajt ħafna li ħdimt fuq il-verifika, u minn dak iż-żmien 'il hawn sirt pjuttost entużjasta tal-ferroviji!" qal Andrej Minarovič, l-awditur li mexxa x-xogħol fil-Ġermanja u fl-Awstrija. Mat-tmiem tal-verifika, Fernando Pascual Gil ġie magħruf bħala t-'talpa' tat-tim għax qatta' l-ħin f'mini tal-ferroviji kemm fl-Alpi kif ukoll fil-Pirenej.



It-tim tal-verifika żar tmien Stati Membri u qies l-impatt ta' 21 proġett ferrovjarju kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea permezz tat-TEN-T u tal-Politika tal-Koeżjoni fuq it-trasport ferrovjarju trans-Ewropew. Parti mix-xogħol kienet tinvolvi żjarat lill-proġetti, speċjalment f'żoni transkonfinali. Għalhekk it-tim sab ruħu jirkeb ferroviji tal-merkanzija madwar l-Alpi u fil-fond taħt l-art josserva l-konstruzzjoni ta' mini fuq skala kbira. Żjarat bħal dawn offrew żidiet imprezzabbli

għat-tagħrif li ħareġ mir-reviżjoni ta' rapporti, l-intervistar ta' persunal tal-ferroviji u l-analiżi finanzjarja tas-soltu.

Il-preżervazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi naturali

L-UE għandha mandat u responsabbiltà tal-politika b'saħħithom fl-oqsma tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, fis-sajd u fl-ambjent b'baġit ta' EUR 413-il biljun għall-2007–13. Tliet kwarti mill-flus jintefqu fi swieq agrikoli u f'pagamenti diretti lill-bdiewa. Dawn il-pagamenti huma ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), l-ewwel 'pilastru' tal-Politika Agrikola Komuni (PAK). Aktar minn porzjon wieħed minn ħames porzjonijiet ta' nfiq imur lejn is-sostenn mill-UE għall-Iżvilupp Rurali (RD) li huwa ffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), it-tieni pilastru tal-PAK. L-agrikoltura u l-iżvilupp rurali huma taħt ġestjoni maqsuma bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

Matul l-2010, il-Qorti adottat ir-rapporti speċjali li ġejjin f'dan il-qasam:

- L-implimentazzjoni tal-approċċ Leader għall-iżvilupp rurali (Ir-rapport speċjali Nru 5/2010). Il-LEADER huwa approċċ għall-iżvilupp rurali "minn isfel għal fuq" abbażi ta' sħubijiet lokali. Il-verifika vvalutat jekk l-approċċ Leader ġiex implimentat b'modi li jżidu l-valur, bi tqabbil mal-implimentazzjoni tradizzjonali "minn fuq għal isfel", filwaqt li jimminimizza r-riskji għall-ġestjoni finanzjarja.
- Ir-riforma tas-suq taz-zokkor laħqet l-għanijiet prinċipali tagħha? (Ir-rapport speċjali Nru 6/2010). L-UE varat riforma kbira tas-settur taz-zokkor tagħha fl-2006, bil-ħsieb li tiżgura l-kompetittività tal-industrija taz-zokkor tal-UE, li tistabbilizza s-swieq u tiggarantixxi l-provvisti, u li tikkontribwixxi għal livell ġust ta' għajxien għall-komunitajiet agrikoli. Il-Qorti vverifikat l-implimentazzjoni tar-riforma u kemm din kienet laħqet l-oġettivi tagħha.
- Verifika tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet (Ir-rapport speċjali Nru 7/2010). Permezz tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-kontijiet il-Kummissjoni tiddeċiedi b'mod definittiv jekk għandhiex taċċetta li l-UE tiffinanzja l-infiq agrikolu implimentat taħt ġestjoni maqsuma mal-Istati Membri (EUR 54 biljun fl-2008). Il-verifika vvalutat jekk il-proċedura laħqitx l-oġettivi stabbiliti u ppermettitx lill-Kummissjoni u lil partijiet interessati oħrajn jiksbu l-informazzjoni meħtieġa dwar il-preċiżjoni tal-kontijiet u dwar ir-regolarità tal-pagamenti agrikoli.



- Il-miżuri speċifiċi favur l-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod u tal-gżejjer minuri tal-Eġew (Ir-rapport speċjali Nru 10/2010). Fl-2006, ġew riformati l-miżuri agrikoli maħluqa biex titqies is-sitwazzjoni strutturali, soċjali u ekonomika tar-reġjuni l-aktar 'il bogħod u tal-gżejjer minuri tal-Eġew, u dan kien ċaqliq lejn parteċipazzjoni reġjonali u flessibbiltà akbar fit-teħid ta' deċiżjonijiet. Il-verifika vvalutat l-effettività tal-miżuri speċifiċi wara r-riforma.
- Il-ġestjoni tal-Kummissjoni tas-sistema tal-kontrolli veterinarji għal importazzjonijiet tal-laħam wara r-riformi fil-leġiżlazzjoni tal-iġjene tal-2004 (Ir-rapport speċjali Nru 14/2010). Il-kontrolli veterinarji fuq importazzjonijiet huma parti importanti mill-politika tas-sigurtà fl-ikel li tgħin tnaqqas ir-riskju ta' tifqigħ ta' mard u kriżijiet tas-saħħa li jafu jkunu għaljin għall-baġit tal-UE. Il-verifika eżaminat is-sorveljanza mill-Kummissjoni tas-sistema tal-UE ta' kontrolli veterinarji mwettqa f'postijiet tal-ispezzjoni fuq il-fruntiera, introdotti bħala parti mill-"pakkett tal-iġjene" ta' riformi li daħal fis-seħħ fl-2006.

L-UE bħala attur globali

Minbarra t-tkabbir, l-attivitajiet tal-UE fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni jiffukaw fuq tliet objettivi prinċipali: li tagħti stabbiltà, sigurtà u prosperità fil-viċinat tagħha ('L-UE u l-politika ta' viċinat tagħha'); li taħdem b'mod attiv biex issostni l-iżvilupp sostenibbli fil-livell internazzjonali ('L-UE bħala sieħeb ta' żvilupp sostenibbli'); li tippromwovi t-tmexxija politika globali u li tiżgura s-sigurtà strateġika u taċ-ċittadin ('L-UE bħala attur globali'). Biex tilħaq dawn l-objettivi l-UE allokat EUR 55,9 biljun għall-2007–13, jiġifieri 5,7 % tal-baġit totali tagħha. Il-biċċa l-kbira tal-infiq huwa ġestit direttament mill-Kummissjoni jew mill-kwartieri ġenerali tagħha jew inkella permezz tad-delegazzjonijiet tagħha. Xi għajjnuna hija ġestita wkoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali b'mod konġunt.

Matul l-2010, il-Qorti adottat ir-rapporti speċjali li ġejjin f'dan il-qasam:

- Il-ġestjoni mill-Kummissjoni tas-Sostenn Baġitarju Ġenerali fil-pajjiżi AKP, tal-Amerika Latina u tal-Asja (Ir-rapport speċjali Nru 11/2010). Is-Sostenn Baġitarju Ġenerali (SBĠ) ġeneralment jitqies l-aktar mod effettiv biex titwassal għajjnuna għall-iżvilupp minn ħafna donaturi, inkluża l-Kummissjoni tal-UE. Il-verifika vvalutat jekk il-Kummissjoni ġestietx b'mod effikaċi l-programmi tagħha tas-SBĠ fil-pajjiżi tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), tal-Amerika Latina u tal-Asja.

- L-Għajnuna għall-Iżvilupp tal-UE għall-Edukazzjoni Bażika fl-Afrika tas-sub-Saħara u fin-Nofsinhar tal-Asja (Ir-rapport speċjali Nru 12/2010). L-UE u l-komunità tad-donaturi internazzjonali huma impenjati permezz ta' 'Edukazzjoni għal kulħadd' u l-'Għanijiet ta' żvilupp tal-millennju', li jiżguraw edukazzjoni primarja għat-tfal kollha, jeliminaw l-inugwaljanzi bejn is-sessi u jtejbu l-kwalità tal-edukazzjoni. Il-verifika vvalutat jekk l-għajnuna tal-UE għall-iżvilupp għenitx biex jintlaħqu dawn l-għanijiet fl-Afrika tas-sub-Saħara u fin-Nofsinhar tal-Asja u jekk il-Kummissjoni għenitx tajjeb l-intervenzjonijiet.
- L-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija l-Ġdid (ENPI) għe varat b'suċċess u qiegħed jilħaq ir-riżultati fil-Kawkasu tan-Nofsinhar (l-Armenja, l-Azerbajġan u l-Ġeorġja)? (Ir-rapport speċjali Nru 13/2010). L-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija jagħti qafas għall-ippjanar u t-twassil tal-għajnuna lil pajjiżi u territorji msieħba. Mill-2007 'l hawn, 'il fuq minn EUR 311-il miljun ngħataw lil tliet pajjiżi tal-Kawkasu tan-Nofsinhar. Il-verifika eżaminat jekk l-ENPI kienx għe varat b'suċċess hemmhekk u kienx qiegħed jilħaq ir-riżultati.

Id-dħul

il-baġit tal-Unjoni Ewropea huwa ffinanzjat prinċipalment mir-riżorsi proprji u minn dħul ieħor. Riżorsi proprji tradizzjonali – l-aktar dazji doganali – jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor 12 % tad-dħul totali u l-kontijiet tar-riżorsa tal-VAT għal 12 % oħra. Il-biċċa l-kbira tar-riżorsi proprji tal-UE (70 %) jingħataw mir-riżorsa tad-Dħul Gross Nazzjonali, li hija r-riżorsa ta' bilanċ, u b'hekk ikun żgurat li l-baġit huwa dejjem f'bilanċ.

Matul l-2010, il-Qorti adottat rapport speċjali fuq:

- Il-proċeduri ssimplifikati doganali (Nru 1/2010). Il-proċeduri ssimplifikati doganali jippermettu lin-negozjanti li huma awtorizzati biex jibbenefikaw minn proċess ta' awtorizzazzjoni aċċellerat għall-importazzjoni ta' merkanzija u sistema eħfef għall-pagament ta' dazji li jagħmlu parti mid-dħul tal-UE. Il-verifika vvalutat l-effettività tal-qafas regolatorju u l-approċċ ta' kontroll tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri.

L-opinjoniġiet maħruġa fl-2010

Il-Qorti tikkontribwixxi wkoll għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE permezz tal-opinjoniġiet tagħha fuq proposti għal leġislazzjoni ġdida jew irreveduta li jkollha impatt finanzjarju. L-awtoritajiet leġislattivi – il-Parlament Ewropew u l-Kunsill – jużaw l-opinjoniġiet tal-Qorti f'xogħolhom. Opinjonijiet jittejjew ukoll fuq kwistjonijiet oħra fuq talbet istituzzjoni oħra tal-UE jew fuq l-inizjattiva tal-Qorti stess.

Fl-2010 l-Qorti adottat **sitt opinjonijiet**:

L-ewwel fost dawn (Nru 1/2010) kienet fuq l-inizjattiva tagħha stess, u kien jisimha "It-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-baġit tal-Unjoni Ewropea: Riskji u Sfidi". Il-Qorti ħejjiet l-opinjoni għall-Kummissjoni l-ġdida biex issostni l-isforzi tagħha għat-tnaqqis aktar tal-livell ta' nefqa irregolari u għat-titjib tal-kwalità tal-infiq tal-UE, li l-Qorti tidentifika bħala prijorità kbira. L-opinjoni tistabbilixxi l-prinċipji u l-prijoritajiet li l-Kummissjoni għandha tqis fit-tfassil ta' programmi u skemi ta' nefqa ġodda jew fir-reviżjoni ta' programmi eżistenti bħal dawn.



Il-ħames opinjonijiet l-oħra kienu jirrigwardaw:

- ir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta SESAR (Nru 2/2010)
- Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (Nru 3/2010)
- Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, fir-rigward tas-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna (Nru 4/2010)
- Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' Uffiċjali Oħra ta' dawk il-Komunitajiet (Nru 5/2010)
- Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (Nru 6/2010)

IR-REVIŻJONI TAR-REGOLAMENT FINANZJARJU – IL-FEHMA TAL-QORTI

L-Opinjoni Nru 6/2010 tindirizza proposta sinifikanti mill-Kummissjoni għal reviżjoni tar-regolament finanzjarju, li tmexxi l-mod kif jinġabar, jintefaq u jingħata rendikont dwar il-baġit tal-UE.

L-opinjoni tal-Qorti tagħti reviżjoni komprensiva tal-proposta tal-Kummissjoni, imfassla biex tgħin lill-Parlament u lill-Kunsill biex jiġġudikaw jekk il-proposti tal-Kummissjoni x'aktarx li jippromwovu l-ġestjoni tajba ta' fondi fdati f'idejn l-Unjoni mill-kontribwenti Ewropej tat-taxxa. Filwaqt li tibni fuq il-messaġġi fl-Opinjoni Nru 1/2010 tagħha (ara hawn fuq), il-Qorti tiġbed ukoll l-attenzjoni għall-fatt li t-titjib tal-kwalità tal-infiq tal-UE jeħtieġ leġiżlazzjoni aktar sempliċi u aħjar f'oqsma speċifiċi ta' nfiq mill-baġit tal-UE, flimkien ma' passi oħrajn biex tiġi sostnuta, imħeġġa u meħtieġa azzjoni soda minn manigġers fil-Kummissjoni, fl-istituzzjonijiet l-oħrajn, u fl-Istati Membri.



IL-KOPERAZZJONI MA' SAIs OĦRAJN

Il-Qorti taħdem ma' istituzzjonijiet supremi tal-verifika (SAIs) fuq l-iżvilupp tal-verifika fis-settur pubbliku fi ħdan l-Unjoni Ewropea u madwar id-dinja kollha. Dan ix-xogħol jgħin jiżviluppa approċċi innovattivi u armonizzati għall-verifika ta' fondi tal-UE kif ukoll standards internazzjonali u ġodda għas-SAIs kollha.

Il-Qorti taħdem ma' SAIs oħrajn permezz:

- tal-Kumitat ta' Kuntatt tas-SAIs tal-Istati Membri tal-UE;
- tan-netwerk tas-SAIs ta' pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali għall-UE; u
- ta' forums professjonali oħrajn, notevolment l-Intosai u l-Eurosai.

Il-Kumitat ta' Kuntatt

It-Trattat jeħtieġ lill-Qorti u lill-korpi tal-verifika nazzjonali tal-Istati Membri jikkooperaw fi spirtu ta' fiduċja filwaqt li jżommu l-indipendenza tagħhom. Il-Qorti tikkoopera b'mod attiv mal-istituzzjonijiet supremi tal-verifika tal-Istati Membri tal-UE permezz tal-qafas tal-**Kumitat ta' Kuntatt**. Il-Kumitat ta' Kuntatt huwa assemblea tal-kapijiet tas-SAIs tal-UE u l-Qorti, u jiltaqa' kull sena. Huwa jagħti forum għal koperazzjoni u tpartit ta' għarfien u esperjenza professjonali dwar il-verifika tal-fondi tal-UE u kwistjonijiet oħrajn relatati mal-UE. Jinżammu kuntatti ta' kuljum permezz ta' uffiċjali tal-kollaborazzjoni maħtura minn kull istituzzjoni. Ġew stabbiliti gruppi ta' ħidma biex jgħinu fl-iżvilupp ta' pożizzjonijiet u ta' prattiki komuni.

F'Ottubru 2010, il-Qorti laqqgħet il-**laqqgħa tal-Kumitat ta' Kuntatt** annwali fil-Lussemburgu, ippreseduta mis-SAI Franċiż. Il-fokus prinċipali tal-laqqgħa kien seminar dwar ir-rwol ta' parlamenti nazzjonali wara l-adozzjoni tat-Trattat ta' Lisbona.

Matul l-2010, il-Qorti ħadet sehem b'mod attiv fil-bosta **gruppi ta' ħidma** stabbiliti mill-Kumitat ta' Kuntatt. Il-grupp ta' ħidma dwar standards tal-verifika komuni, li kellu l-għan li jiżviluppa standards tal-verifika komuni u kriterji tal-verifika komparabbli bbażati fuq standards tal-verifika rrikonoxxuti internazzjonalment imfassla għall-qasam tal-UE, kien ippresedut mill-Qorti u kkonkluda xogħlu fl-2010.

Fl-2010 l-Qorti bdiet proġett pilota li jinvolvi **verifiki kkoordinati tal-konformita** tal-infiq agrikolu tal-UE mas-SAIs tar-Repubblika Ċeka u tal-Pajjiżi l-Baxxi. Il-proġett pilota se jitlesta fl-2011.

In-netwerk tas-SAls tal-pajjiżi kandidati u tal-pajjiżi kandidati potenzjali

Il-Qorti ħadet sehem b'mod attiv f'laqgħat tan-Netwerk tas-SAls tal-pajjiżi kandidati u tal-pajjiżi kandidati potenzjali (it-Turkija, il-Kroazja, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Islanda, il-Montenegro, l-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina u s-Serbja)⁴, li jimxu parallel mal-laqgħat tal-Kumitat ta' Kuntatt.

Fl-2010 żewġ membri ġodda ngħaqdu man-Netwerk – l-Islanda u s-Serbja. L-għan ewlieni tan-Netwerk huwa l-promozzjoni ta' attivitajiet tal-verifika, speċjalment fl-implimentazzjoni ta' metodi u tekniki ġodda tal-verifika skont standards internazzjonali u l-aqwa prattika tal-UE.

⁴ Fi Frar 2011.

Koperazzjoni oħra

Il-Qorti kompliet l-involvement attiv u l-kontribuzzjoni tagħha lejn it-titjib ta' standards u prattiki tal-verifika internazzjonali permezz tal-parteċipazzjoni tagħha f'organizzazzjonijiet internazzjonali għal istituzzjonijiet pubbliċi tal-verifika, notevolment l-Intosai⁵, u l-grupp reġjonali Ewropej tiegħu, il-Eurosai.

Delegazzjoni tal-Qorti ħadet sehem fl-**XX Laqgħa tal-Incosai** li saret fit-22-27 ta' Novembru 2010 fl-Afrika t'Isfel, li kienet iddedikata għal taħdita dwar il-kwistjoni tal-“Valur u benefiċċji tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika” u “Verifika Ambjentali u Żvilupp Sostenibbli”, kif ukoll l-approvazzjoni formali tal-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAIs).

⁵ L-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika.

STANDARDS INTERNAZZJONALI ĠODDA TAL-ISTITUZZJONIJET SUPREMI TAL-VERIFIKA (ISSAIs)

L-adozzjoni mill-XX Laqgħa tal-Incosai fl-Afrika t'Isfel ta' l-fuq minn 40 ISSAI u GOVs tal-Intosai ġodda tirrappreżenta pass kbir 'il quddiem għall-professjoni. L-Intosai issa – għall-ewwel darba – għandha qafas komprensiv ta' standards internazzjonali tal-verifika. Il-qafas jinkludi standards li jistabbilixxu l-prinċipji fundamentali tas-SAls, il-prerekwiżiti għat-tħaddim tajjeb ta' SAI, il-prinċipji tal-verifika u l-linji gwida tal-verifika.

L-istandards il-ġodda jagħtu punt ta' referenza għall-verifika kollha tas-settur pubbliku li miegħu s-SAls jistgħu jkejlu l-prestazzjoni tagħhom stess. Il-Qorti għamlet kontribuzzjoni sinifikanti għall-iżvilupp tagħhom, b'mod partikolari, permezz tal-parteċipazzjoni attiva tagħha fis-subkumitati dwar il-verifika finanzjarja, il-verifika tal-konformità u l-verifika tal-prestazzjoni.

Minn mindu saret membru sħiħ tal-Intosai fl-2004, il-Qorti qiegħda **tipparteċipa b'mod attiv** fis-subkumitati dwar il-verifika. Il-Qorti tat ukoll kontribut għas-subkumitati dwar il-promozzjoni tal-aqwa prattiki u l-assigurazzjoni tal-kwalità permezz ta' reviżjonijiet volontarji bejn il-pari, u ppromwoviet aktar attivitajiet ta' bini tal-kapaċità fost il-membri tal-Intosai.

Mill-2008 l-Qorti ppresediet il-grupp ta' ħidma dwar l-obbligu ta' rendikont għal, u l-verifika ta', **għajjnuna relatata mad-diżastri**. Mira prinċipali ta' dan il-grupp ta' ħidma hija l-iżvilupp ta' gwida u l-identifikazzjoni u t-tixrid ta' prattiki tajbin fil-qasam tal-obbligu ta' rendikont għal għajjnuna relatata mad-diżastri, b'konċentrazzjoni fuq attivitajiet immirati lejn il-partijiet interessati (multilaterali, organizzazzjonijiet tal-għajjnuna, gvernijiet, awdituri privati). Ir-rapport interim tal-grupp ta' ħidma ġie ppreżentat lill-Kungress tal-Intosai f'Novembru 2010.

Matul l-2010, il-Qorti kkontribwiet ukoll għat-taskforce tal-Intosai dwar il-**kriżi finanzjarja globali**.

Il-Qorti hija rrappreżentata fil-gruppi ta' ħidma tal-Eurosai fuq il-verifika ambjentali u tal-IT, u tiegħu sehem fil-kumitat ta' taħriġ tal-Eurosai. Barra minn hekk il-Qorti ħadet sehem fil-grupp ta' ħidma li kien qiegħed iħejji gwida ta' prattika tajba għall-ilħuq tal-kwalità fi ħdan SAI, li ġie stabbilit mis-VII Kungress tal-Eurosai fl-2008. Il-Qorti hija wkoll waħda mill-awdituri tal-Eurosai.



IT-TMEXXIJA TAGĦNA

L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISTRATEĠIJA GĦALL-2009 SAL-2012

F'dawn l-aħħar snin il-Qorti kienet impenjata fi proċess ta' riforma interna, wara valutazzjoni personali u reviżjoni bejn il-pari (fl-2008) tal-qafas tal-ġestjoni tal-verifika tal-Qorti. B'riżultat ta' dan żviluppajna strateġija għall-2009 sal-2012⁶ biex nindirizzaw l-oqsma identifikati għal titjib, u stabbilixxjona l-għanijiet ġenerali għall-perjodu:

- biex nilħqu l-massimu tal-impatt ġenerali mill-verifiki; u
- biex inżidu l-effiċjenza permezz tal-aqwa użu tar-riżorsi.

Tlestew ħafna mill-azzjonijiet ta' prijorità fl-istrateġija. L-azzjonijiet li jifdal se jitwettqu matul l-2011 u l-2012. Il-kisbiet prinċipali fl-2010 kienu:

- l-ilĥuq tal-mira li jitwasslu bejn 12 u 15-il rapport tal-verifika tal-prestazzjoni kull sena;
- l-iżvilupp ta' prodotti ġodda – dokument dwar riskji u sfidi għall-Kummissjoni l-ġdida (l-Opinjoni Nru 1/2010) u sistema ġdida stabbilita biex tirrapporta mill-2012 'il quddiem, dwar is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti;
- ir-reviżjoni tar-regoli interni tal-Qorti sabiex jiġi ssemplifikat it-teħid ta' deċiżjonijiet, bl-introduzzjoni ta' Awli, u sabiex tissaħħaħ it-tmexxija;
- il-produzzjoni ta' sett sħiħ ta' indikaturi tal-prestazzjoni;
- l-iżvilupp aktar tal-approċċ użat għall-verifika annwali tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE (id-DAS) abbażi tar-rakkomandazzjonijiet ta' 'grupp ta' riflessjoni' intern sostnut minn esperti esterni;
- l-allokazzjoni mill-ġdid ta' għadd ta' karigi mis-servizzi ta' sostenn, lejn il-verifika.

⁶ L-"Istrateġija tal-Verifika 2009–12" hija disponibbli fuq il-websajt tal-Qorti.

REGOLI INTERNI ĠODDA LI JISTABILIXXU AWLI

Waħda mir-rakkomandazzjonijiet tal-proċess ta' riforma tal-Qorti kienet li l-Qorti għandha timplimenta l-alternattiva mogħtija fl-Artikolu 287(4) tat-Trattat biex l-Awli jadottaw ċerti kategoriji ta' rapporti u opinjonijiet, filwaqt li jżommu l-kolleġġjalità.

Wara approvazzjoni mill-Kunsill tal-emendi meħtieġa għar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti, ġew stabbiliti Awli fl-1 ta' Ġunju 2010. Awli, magħmula minn Membri tal-Qorti, jadottaw rapporti speċjali, rapporti annwali speċifiċi, u opinjonijiet dwar abbozzi ta' leġiżlazzjoni. Qabel, ir-rapporti u l-opinjonijiet kollha ta' din ix-xorta kienu adottati mill-kulleġġ sħiħ, u dan għadu l-każ għar-rapporti annwali dwar il-baġit tal-UE u l-FEI.

Filwaqt li l-biċċa l-kbira tar-rapporti tal-Qorti issa huma adottati minn Awli, l-Awli jistgħu jirreferu d-dokumenti tagħhom lill-Qorti għal adozzjoni. Il-Membri kollha jistgħu jieħdu sehem, f'kapaċità fejn ma jivvutawx, fil-laqgħat tal-Awli li fihom mhumiex assenjati.

Il-Membri tal-Qorti



IL-KEJL TAL-PRESTAZZJONI TAL-QORTI FL-2010

Mill-2008 l-Qorti qiegħda tiżviluppa b'mod progressiv sett ta' indikaturi tal-prestazzjoni prinċipali (IPP) biex:

- tinforma l-**maniġment** dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-għanijiet għall-perjodu 2009–12;
- issostni t-**teħid ta' deċiżjonijiet**; u
- tagħti informazzjoni dwar il-prestazzjoni lill-**partijiet interessati** tal-Qorti.

L-indikaturi jfittxu li jkejlu elementi prinċipali:

- tal-**kwalità u l-impatt** ta' xogħol il-Qorti, b'attenzjoni partikolari għall-fehma tal-partijiet interessati; u
- tal-**effiċjenza u l-effettività** tal-użu ta' riżorsi mill-Qorti.

Bħala l-ewwel sena meta huwa disponibbli sett sħiħ tal-indikaturi, l-2010 tagħti punt ta' referenza li miegħu se nivvalutaw il-progress fil-ġejjieni. Il-Qorti hija mħeġġa ħafna mir-riżultati tal-indikaturi tal-prestazzjoni prinċipali tagħha fl-2010, partikolarment dwar il-kwalità u l-impatt ta' xogħolna. B'mod aktar importanti l-indikaturi jagħtu bażi tajba għall-identifikazzjoni ta' fejn jinħtieġ il-progress, u l-kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati sabiex tittejjeb il-prestazzjoni tal-ġejjieni.



Il-kwalità u l-impatt ta' xogħol il-Qorti

Il-Qorti tivvaluta l-kwalità u l-impatt tar-rapporti tagħha abbażi ta' evalwazzjonijiet mill-partijiet interessati, reviżjonijiet mill-esperti, u segwitu tar-rakkomandazzjonijiet li hija tagħmel.

L-evalwazzjoni mill-partijiet interessati

Permezz ta' sħarriġ, il-Qorti stiednet l-utenti prinċipali tar-rapporti tagħha (il-Kumitat tal-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew u l-Kumitat tal-Baġit tal-Kunsill) u daww prinċipali li jiġu vverifikati (l-aktar il-persunal tal-Kummissjoni Ewropea) biex jikklassifikaw il-kwalità u l-impatt tar-rapporti annwali tal-Qorti (il-baġit ġenerali u l-FEI) u r-rapporti speċjali ppubblikati matul l-2009. Daww li wieġbu għall-istħarriġ użaw skala ta' ħames punti (1 – foqra ħafna, 2 – foqra, 3 – adegwati, 4 – tajbin, 5 – tajbin ħafna).

	2010	Mira
L-evalwazzjoni mill-utent prinċipali tal-kwalità u l-impatt tar-rapporti tal-Qorti	4,2	≥ 4
L-evalwazzjoni minn min qiegħed ikun ivverifikat, dwar il-kwalità u l-impatt tal-verifiki tal-Qorti	3,7	≥ 4

Dan ir-riżultat jindika li b'mod ġenerali l-utenti prinċipali tar-rapporti tal-Qorti jqisuhom bħala 'tajbin'. Il-Qorti bi ħsiebha żżomm jew ittejjeb dan il-livell ta' prestazzjoni.

Reviżjonijiet mill-esperti

Żewġ partijiet esterni rrevedew il-kontenut u l-preżentazzjoni ta' kampjun tar-rapporti tal-Qorti ppubblikati fl-2009 u fl-2010. Ir-reviżuri vvalutaw tmien rapporti speċjali u r-rapport annwali dwar il-baġit ġenerali u dwar il-FEI f'kull sena u kklassifikaw il-kwalità ta' aspetti varji tar-rapporti fuq skala ta' erba' punti li jvarjaw minn 'b'nuqqasijiet sinifikanti' (1) sa 'ta' kwalità għolja' (4).

	2010	Mira
Ir-reviżjonijiet mill-esperti esterni tal-kontenut u l-preżentazzjoni tar-rapporti tal-Qorti	3,0	≥ 3

Ir-riżultat jindika li r-reviżuri jqisu l-kwalità tar-rapporti tal-Qorti bħala 'sodisfaċenti'. Ir-reviżjonijiet taw informazzjoni ta' valur u r-rakkomandazzjonijiet li jagħtu se jintużaw għat-titjib tal-kwalità ta' rapporti tal-ġejjieni.

Is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet

Il-mod prinċipali kif il-Qorti tuża l-esperjenza tal-verifika tagħha biex tikkontribwixxi għall-ġestjoni finanzjarja huwa permezz tar-rakkomandazzjonijiet tagħha. Biex iwasslu għal bidla, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti l-ewwel iridu jiġu aċċettati minn min qiegħed jiġi vverifikat, u mbagħad iridu jiġu implimentati. L-indikatur huwa bbażat fuq ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapporti annwali u fir-rapporti speċjali ppubblikati fl-2009 – dawk l-aktar reċenti li huma disponibbli.

	2010	Mira
Il-perċentwal ta' rakkomandazzjonijiet tal-verifika aċċettati minn min qiegħed jiġi vverifikat	90 %	≥ 90 %
Il-Qorti bi ħsiebha żżomm, jew saħansitra ttejjeb, dan il-livell għoli ta' aċċettazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħha. Fl-2010 l-Qorti stabbilixxiet sistema għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet minn min qiegħed jiġi vverifikat. Fis-snin li ġejjin din għandha tagħti l-bażi għal indikatur ieħor dwar il-punt safejn jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet fil-prattika u jwasslu għal titjib. Hija se tagħti informazzjoni siewja lill-Qorti biex din ittejjeb il-kwalità tar-rakkomandazzjonijiet li tagħmel, u b'hekk l-aċċettazzjoni tagħhom minn min qiegħed jiġi vverifikat.		

L-użu effiċjenti u effettiv tar-riżorsi

Il-Qorti tivvaluta l-effiċjenza u l-effettività tal-użu tagħha tar-riżorsi għal dak li jirrigwarda l-abilità tagħha biex: tipproduċi rapporti u sejbiet f'waqthom; tissodisfa l-obbligi tagħha rigward il-ġestjoni finanzjarja; u biex tiżgura l-benessri u l-kompetenza professjonali tal-persunal tagħha.

Il-puntwalità tar-rapporti

Il-Qorti bi ħsiebha tadotta r-rapporti ppjanati kollha tagħha fi ħdan l-iskadenzi stabbiliti. Għall-pubblikazzjoni ta' rapporti annwali u rapporti annwali speċifiċi hemm skadenzi statutorji f'dan ir-rigward. Għar-rapporti speċjali – fejn m'hemm l-ebda skadenza ta' publikazzjoni statutorja – id-data ta' adozzjoni ppjanata tintuża bħala l-iskadenza.

	2010	Mira
L-għadd ta' rapporti adottati meta mqabbel ma' dak ippjanat	90 %	100 %
Il-proporzjon ta' rapporti adottati fil-ħin	80 %	100 %

B'mod ġenerali l-Qorti ma laħqitx il-mira tagħha fl-2010. Il-Qorti adottat inqas rapporti milli kien ippjanat fl-2010, prestazzjoni li tista' titqabbel mas-sena l-oħra (91 % fl-2009). Barra dan, għalkemm sar titjib fil-proporzjon ta' rapporti adottati fil-ħin fl-2010 (80 % meta mqabbel ma' 67 % fl-2009), għad hemm ambitu għal prestazzjoni aħjar. Filwaqt li r-rapporti annwali kollha u r-rapporti annwali speċifiċi kollha ħlief wieħed ġew adottati kif kien ippjanat, u ġew ippubblikati fi ħdan l-iskadenza, tliet rapporti speċjali biss ġew adottati fi ħdan l-iskadenzi stabbiliti. Sitt rapporti speċjali ddewmu sal-2011.

Il-Qorti bi ħsiebha tilħaq il-miri sa tmiem l-2012 billi tiegħu aktar miżuri biex ittejjeb il-ġestjoni tat-twassil ta' rapporti speċjali.

Il-puntwalità tas-sejbiet

Id-dikjarazzjonijiet ta' sejbiet preliminari (SPFs) jippermettu lill-Qorti tikkonferma l-preċiżjoni fattwali tas-sejbiet prinċipali (li jiffurmaw il-bażi tar-rapport tal-verifika li jirriżulta) ma' min qiegħed jiġi vverifikat. Għalhekk il-ħruġ ta' SPFs huwa pass importanti prinċipali fil-proċess tal-verifika. Huwa qasam fejn ġie identifikat lok sinifikanti għal titjib fis-snin ta' qabel, u fejn il-Qorti stabbilixxiet il-mira li toħroġ 80 % tal-SPFs fi żmien xahrejn miż-żjara tal-verifika relatata sa tmiem l-2012.

	2010	Mira
Il-perċentwal ta' Dikjarazzjonijiet ta' Sejbiet Preliminari maħruġa fil-ħin	54 %	80 % sal-2012

Il-prestazzjoni fl-2010 għadha mhijiex fil-livell meħtieġ iżda sar progress sinifikanti lejn il-mira f'dawn l-aħħar sentejn (43 % fl-2009 u 27 % fl-2008). Il-Qorti se tkompli fl-isforzi tagħha biex tiżgura li tintlaħaq il-mira.

L-evalwazzjoni esterna tal-ġestjoni finanzjarja

Il-Qorti tfittex li tirċievi opinjoni mhux kwalifikata dwar ir-rendikonti finanzjarji u dwar l-użu ta' riżorsi mill-awditur estern kif ukoll li tingħata l-kwittanza mill-Parlament Ewropew wara rakkomandazzjoni pożittiva mill-Kunsill.

	2010	Mira
L-opinjoni mhux kwalifikata tal-awditur estern u l-kwittanza mogħtija	Iva	Iva

It-taħriġ professjonali

Wara linji gwida ppubblikati mill-IFAC (Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti), il-Qorti bi ħsiebha tagħti medja ta' 40 siegħa (ħamest ijiem) taħriġ professjonali lil kull awditur kull sena.

	2010	Mira
Il-medja ta' jiem ta' taħriġ professjonali għal kull membru tal-persunal	5,7 ijiem	≥ 5 ijiem
Il-prestazzjoni kienet fil-livell meħtieġ fl-2010, u rrappreżentat titjib fuq l-2009 (medja ta' erbat ijiem).		

Is-sodisfazzjon tal-persunal

Skont sħarriġ intern fl-2009 dwar is-sodisfazzjon tal-persunal, 86 % tal-persunal tal-Qorti huma ġeneralment sodisfatti bl-impjieg tagħhom. Is-sodisfazzjon tal-persunal medju ġenerali ġie kklassifikat bħala 2,8 fuq skala komposta minn 1 sa 4, fejn kwalunkwe punt 'il fuq minn 2,5 jindika sodisfazzjon ġenerali. Il-Qorti bi ħsiebha żżomm jew ittejjeb dan ir-riżultat meta jitwettagħ sħarriġ simili fi tmiem l-2012.

IS-SOSTENN TAL-VERIFIKA

Is-suċċess tal-attivitajiet tal-verifika tal-Qorti jiddependi ħafna fuq il-kwalità tas-servizzi ta' sostenn speċjalizzati tagħha. Dawn is-servizzi jagħtu l-kompetenza loġistika u teknika li jippermettu lill-Qorti li:

- tirrekluta, iżżomm u timmotiva l-**persunal** tagħha u tiżviluppa l-ħiliet professjonali tiegħu;
- tikkomunika r-riżultati tal-verifika fl-**ilsna uffiċjali** kollha tal-UE;
- tagħmel l-aqwa użu mit-**teknoloġija tal-informazzjoni**;
- iġġesti l-**baġit** tagħha u żżomm il-**faċilitajiet** tagħha; u
- twettaq **missjonijiet** fil-pajjiżi kollha li fihom jintefqu fondi tal-UE.

Ir-riżorsi umani

L-allokazzjoni tal-persunal

L-attiv ewlieni tal-Qorti huwa l-persunal tagħha. Fil-31 ta' Diċembru 2010, il-Qorti kellha allokazzjoni awtorizzata tal-persunal ta' 889 uffiċjal u aġenti temporanji (mhux inklużi l-Membri, l-aġenti fuq kuntratt, esperti nazzjonali ssekondati u dawk li jitħarrġu). 557 minn dawn huma f'awli tal-verifika (inklużi 123 f'uffiċċji privati tal-Membri), 151 fit-traduzzjoni, 157 fis-sostenn amministrattiv u 24 fil-Presidenza.

Biex jikkontribwixxu għall-għan li jsir l-aqwa użu tar-riżorsi, l-attivitajiet kollha fl-2010 komplew ifittxu u jintroduċu miżuri ta' effiċjenza abbażi tas-semplifikazzjoni ta' proċeduri u s-semplifikazzjoni tas-servizzi. Kull meta kien possibbli, il-karigi mhux tal-verifika li saru disponibbli permezz ta' kisbiet fl-effiċjenza ġew imqassma lill-verifika, u dan irriżulta f'żieda ta' 6 % fil-għadd ta' karigi ddedikati lill-kompiti tal-verifika. Dan il-proċess se jkompli fl-2011.

Analiżi statistika tal-karigi tal-Qorti fil-31 ta' Diċembru	2008	2009	2010
Awli tal-verifika	501	525	557
Is-servizz tat-traduzzjoni	163	163	151
Is-sostenn amministrattiv	173	171	157
Il-Presidenza	20	21	24
Total	857	880	889

Ir-reklutaġġ

Il-persunal tal-Qorti għandu firxa wiesgħa ta' sfondi akkademiċi u professjonali, u l-kwalità ta' xogħlu u tal-impenn tiegħu hija riflessa fil-prodott tal-istituzzjoni. Il-politika ta' reklutaġġ tal-Qorti ssegwi l-prinċipji ġenerali u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-istituzzjonijiet tal-UE, u l-impjegati tagħha jinkludu kemm impjegati permanenti taċ-ċivil kif ukoll persunal fuq kuntratti temporanji. Kompetizzjonijiet miftuħa għal karigi fil-Qorti huma organizzati mill-Uffiċċju Ewropew tal-Għażla tal-Persunal (EPSO). Il-Qorti ttipprovdi wkoll għadd ta' taħriġ lil gradwati universitarji għal perjodi ta' tlieta sa ħames xhur.

Fl-2010 l-Qorti rreklutat 97 impjegat: 63 uffiċċjal, 25 aġent temporanju u 9 aġenti fuq kuntratt. Il-Qorti kellha suċċess partikolari fir-reklutaġġ ta' persunal ġdid f'karigi tal-verifika. Kien hemm 44 kariga vakanti fil-31 ta' Diċembru 2010, b'mod sinifikanti inqas milli fl-2009 (73). Dan ġab ir-**rata ta' karigi vakanti taħt il-5 %** għall-ewwel darba.

Il-bilanċ bejn is-sessi

Issa l-persunal huwa magħmul minn irġiel u nisa fi proporzjonijiet ugwali, wara żieda bil-mod matul is-snin fil-proporzjon ta' nisa impjegati.

	Maskili	Femminili
2001	54 %	46 %
2010	50 %	50 %

Il-grafiki hawn isfel juru l-proporzjon ta' rġiel u nisa skont il-livell ta' responsabbiltà fil-31 ta' Diċembru 2010. Bħall-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE, il-Qorti tapplika politika ta' opportunitajiet ugwali fit-tmexxija u fir-reklutaġġ tar-riżorsi umani tagħha. 20 mis-67 direttur u kap tal-unitajiet (30 %) huma nisa, li hija żieda soda fuq snin ta' qabel. Madankollu l-biċċa l-kbira minnhom huma impjegati fid-direttorat tat-traduzzjoni u fid-dipartimenti amministrattivi.

Assistenti (livell AST)

	Maskili	Femminili
2009	27 %	73 %
2010	31 %	69 %

Awdituri – amministraturi (livell AD)

	Maskili	Femminili
2009	63 %	37 %
2010	62 %	38 %


Diretturi u Kapijiet tal-Unitajiet

	Maskili	Femminili
2009	74 %	26 %
2010	70 %	30 %

Il-proporzjon ta' nisa fil-livell AD qiegħed jiżdied minħabba r-reklutaġġ. Wara l-aħħar kampanja ta' reklutaġġ, 45 % tal-persunal kollu fil-livelli AD5 sa AD8 huma nisa.

Il-profil tal-età

Il-profil tal-età tal-persunal f'servizz attiv fil-31 ta' Diċembru juri li 62 % tal-membri tal-persunal għandhom 44 sena jew inqas.



24 mis-67 direttur u kap tal-unitajiet għandhom 55 sena jew aktar. Dan se jwassal għal tiġdid sinifikanti fil-maniġment anzjan matul il-ħames sa 10 snin li ġejjin.

It-taħriġ professjonali

Il-professjoni tal-verifika teħtieġ taħriġ kontinwu biex il-persunal ikun jista' jibqa' aġġornat mal-iżviluppi u jiżviluppa ħiliet ġodda. Barra dan, in-natura partikolari tal-ambjent tal-verifika tal-Qorti toħloq ħtieġa għal awdituri b'ħiliet lingwistiċi tajba.

Fl-2010, kull membru tal-persunal tal-Qorti rċieva medja ta' 9,3 ijiem taħriġ professjonali. Il-korsijiet tal-ilsna rrappreżentaw 57 % tal-għadd totali ta' jiem iddedikati għat-taħriġ fl-2010, meta mqabbel ma' 55 % fl-2009. Minbarra t-taħriġ fl-ilsna, l-awdituri ddedikaw 5,7 ijiem lit-taħriġ professjonali fl-2010 u b'hekk laħqu mira prinċipali tal-istituzzjoni.

Skont il-pjan tat-tmexxija għat-taħriġ għall-2008–11, u l-'istrutturi tat-taħriġ' adottati fl-2009, l-Unità tat-Taħriġ tejbet il-kontenut tat-taħriġ u żviluppat korsijiet ġodda fl-2010 skont il-prijoritajiet deċiżi mill-Qorti. Barra minn hekk il-Qorti kompliet il-koperazzjoni b'suċċess tagħha mal-istituzzjonijiet u mal-korpi interistituzzjonali l-oħra bħall-Iskola Ewropea Amministrattiva.

It-traduzzjoni

It-traduzzjoni hija attività ta' sostenn tal-verifika li permezz tagħha l-Qorti tista' twettaq il-missjoni tagħha u tilħaq l-oġettivi tal-komunikazzjoni tagħha. Fl-2010 l-volum totali tax-xogħol tradott seta' jitqabbel mal-volum tax-xogħol tal-2009. 'Il fuq minn 99 % tas-servizzi tat-traduzzjoni twettqu fil-ħin.

Matul l-2010 saru sforzi biex jiġi implimentat il-pjan ta' tqassim mill-ġdid tal-persunal, deċiż mis-Segretarju Ġenerali bil-ħsieb li jiġu ttrasferiti karigi u persunal tat-traduzzjoni lejn is-servizzi tal-verifika fl-2011.

Id-Direttorat tat-Traduzzjoni tal-Qorti ta wkoll sostenn lingwistiku kruċjali lill-awdituri fuq missjonijiet u matul il-fażijiet suċċessivi tal-abbozzar ta' rapporti tal-verifika. Ingħata sostenn ukoll lill-gruppi ta' ħidma tal-Intosai u għal ħtiġijiet speċifiċi oħra relatati mal-attivitajiet tal-verifika tal-Qorti. Fl-2010 tkompla x-xogħol fuq il-proġett Artemis biex jittejjeb it-tħaddim tal-applikazzjoni prinċipali tal-IT użata mit-tradutturi. Id-Direttorat tat-Traduzzjoni tal-Qorti kien attiv ukoll f'forums professjonali interistituzzjonali u internazzjonali.

It-teknoloġija tal-informazzjoni

It-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) tippermetti l-ilħuq tal-għanijiet ġenerali tal-istrateġija tal-Qorti għall-2009 sal-2012. FI-2010 l-Qorti:

- adottat pjattaforma ta' kollaborazzjoni, skont il-pjan strateġiku tal-IT għall-2010-12, biex issostni l-qsim tal-għarfien, notevolment fl-attività prinċipali tal-verifika;
- kompliet l-isforzi tagħha biex ittejjeb kemm jista' jkun u tissemplifika l-proċessi interni sostnuti minn flussi ta' xogħol elettroniċi, biex ittejjeb l-effiċjenza u l-effettività; u

- użat smart phones u kompjuters li jistgħu jinġarru, sabiex tippermetti prestazzjoni effiċjenti tax-xogħol tal-verifika kull fejn u kull meta dan kien meħtieġ u wkoll bħala parti mill-arranġamenti ta' kontinwità tax-xogħol tal-Qorti.

Dawn l-iżviluppi twettqu filwaqt li ssaħħu d-dispożizzjonijiet għas-sigurtà tal-operat u l-kontinwità tax-xogħol sabiex jiġu garantiti d-disponibbiltà u l-kwalità metħieġa tas-servizzi kollha tal-IT tal-Qorti.

L-amministrazzjoni u l-faċilitajiet

Il-missjoni tad-Direttorat tal-Finanzi u tas-Sostenn hija li tagħti servizzi ta' sostenn xierqa lill-awdituri tal-Qorti b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqt u li tiżgura li hemm il-finanzjament, il-kontrolli interni u l-mekkaniżmi kontabilistiċi meħtieġa fis-seħħ biex isostnu l-attivitajiet kollha tal-Qorti.

FI-2010 d-Direttorat kompli jiffoka fuq li jtejjeb aktar l-effiċjenza u l-effettività sabiex jirrilaxxa r-riżorsi biex jitqassmu lejn il-verifika.

Wara ftehim milħuq mal-awtorità tal-baġit lejn tmiem l-2008 dwar il-finanzjament tal-bini K3 tagħha, attività kbira fl-2010 kienet it-tnejnija u t-tnedija mill-manijer tal-proġett, tas-sejthiet għal offerti għax-xogħol ta' kostruzzjoni u ta' servizzi assoċjati. Parti sinifikanti tal-akkwist għal dan il-proġett tlesta matul is-sena. Il-kostruzzjoni tal-bini tinsab fil-ħin u fi ħdan il-baġit; hija mistennija li titlesta sa tmiem l-2012.


Il-missjonijiet tal-verifika

Ix-xogħol tal-verifika tal-Qorti jeħtieġ lill-awdituri li jagħmlu żjarat (magħrufa bħala 'missjonijiet') lill-Istati Membri u destinatari oħra tal-fondi tal-UE kif ukoll lill-kwartieri ġenerali ta' organizzazzjonijiet internazzjonali bħan-NU. Fl-2010 daħlet għal 376 missjoni tal-verifika b'kollox – 351 lill-Istati Membri u 25 band'oħra – meta mqabbla ma' 336 fl-2009. Din iż-żieda ta' kważi 12 % fil-missjonijiet minkejja għadd żgħir biss ta' karigi addizzjonali għall-Qorti kollha kemm hi tirrifletti r-riżorsi miżjuda, iddedikati lill-verifika.

Il-missjonijiet isiru normalment għand amministrazzjonijiet ċentrali u lokali involuti fl-ipproċessar, fil-ġestjoni u fil-pagament ta' fondi tal-UE u għand il-benefiċjarji finali li jirċevuhom. Timijiet tal-verifika ġeneralment huma magħmula minn tnejn jew tliet awdituri u t-tul ta' żmien ta' missjoni tal-verifika s-soltu huwa sa ġimagħtejn, skont it-tip ta' verifika u d-distanza tal-ivvjaġġar.

Iż-żjarat tal-verifika fi ħdan l-UE ta' sikwit isiru b'kollaborazzjoni mal-istituzzjonijiet supremi tal-verifika tal-Istati Membri kkonċernati, li jipprovdu sostenn loġistiku u prattiku li huwa utli.

IL-MISSJONIJIET TAL-VERIFIKA GĦALL-2010



INFORMAZZJONI FINANZJARJA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija ffinanzjata mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Il-baġit tagħna jirrappreżenta madwar 0,1 % tal-infiq totali tal-UE, u inqas minn 2 % tal-infiq amministrattiv totali.

L-implimentazzjoni tal-baġit għall-2010

IS-SENA FINANZJARJA 2010	L-appropriazzjonijiet finali	L-impenji		Il-pagamenti
		Il-% tal-użu (impenji/ appropriazzjonijiet)		
(EUR 1 000)				
Titolu 1: Persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni				
10 – Membri tal-istituzzjoni	13 364	12 980	98 %	12 687
12 – Uffiċjali u aġenti temporanji	94 245	87 459	93 %	87 104
14 – Persunal ieħor u provvisti ta’ servizzi esterni	4 604	3 590	78 %	3 567
162 – Missjonijiet	3 450	3 231	94 %	2 775
161 + 163 + 165 – Nefqiet oħrajn relatati ma’ persuni marbutin mal-istituzzjoni	2 861	1 887	66 %	1 435
Subtotal għat-Titolu 1	118 524	109 147	92 %	107 568
Titolu 2: Bini, proprjetà mobbli, tagħmir u nefqa mixxellanja tal-operat				
20 – Bini	18 561	18 390	99 %	7 656
210 – IT&T	6 365	6 365	100 %	4 035
212, 214, 216 – Proprjeta mobbli u spejjeż marbuta	834	771	92 %	701
23 – Nefqa amministrattiva kurrenti	430	406	94 %	274
25 – Laqgħat, konferenzi	858	847	99 %	642
27 – Informazzjoni u pubblikazzjoni	2 373	2 032	86 %	797
Subtotal għat-Titolu 2	29 421	28 811	98 %	14 105
Total għall-Qorti tal-Awdituri	147 945	137 958	93 %	121 673

Fl-2010 r-rata ġenerali ta' implimentazzjoni għall-baġit kienet ta' 93 %. Għat-Titolu 1 din ir-rata kienet ta' 92 %, bil-perċentwal l-aktar baxx (78 %) fil-Kapitolu 14 (Persunal ieħor u provvista ta' servizzi esterni); din ġejja prinċipalment minn sforzi biex jitnaqqsu l-ispejjeż. Ir-rata ta' implimentazzjoni medja għat-Titolu 2 kienet ta' 98 %.

L-ammont ta' pagamenti għall-Kapitolu 20 (Bini) huwa milqut mill-kostruzzjoni tat-tieni estensjoni tal-Qorti, il-Binja K3. It-tieni porzjon tal-finanzjament ta' EUR 11-il miljun għal dan il-proġett kien inkluż fil-baġit tal-2010; dan l-ammont ġie impenjat u parti tħallset fl-2010. Il-bilanċ tal-appropriazzjonijiet għall-binja K3 huwa miġjub 'il quddiem għall-2011 biex ikopri kuntratti ffirmati mill-Maniġer tal-Proġett f'isem il-Qorti ma' kumpaniji tal-kostruzzjoni. L-appropriazzjonijiet se jintużaw skont is-sottomissjoni magħmula mill-Qorti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-2008.



Il-baġit għall-2011

Il-baġit għall-2011 jirrappreżenta tnaqqis ta' 2,44 % meta mqabbel ma' dak tal-2010, l-aktar minħabba l-appropriazzjonijiet aktar baxxi għall-binja l-ġdida tal-Qorti (K3).

L-ispiża totali tal-kostruzzjoni tal-binja K3 hija meqjusa għal EUR 79 miljun u se tkun iffinanzjata f'ħames snin suċċessivi: EUR 55 miljun fl-2009; EUR 11-il miljun fl-2010; EUR 7 miljun fl-2011; u EUR 3 miljun fl-2012 u fl-2013 rispettivament.

BAĠIT	2011	2010
	(EUR 1 000)	
It-Titolu I: Persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni		
10 – Membri tal-istituzzjoni	12 930	13 364
12 – Uffiċjali u aġenti temporanji	95 957	94 246
14 – Persunal ieħor u provvisti ta' servizzi esterni	3 825	4 603
162 – Missjonijiet	3 652	3 450
161 + 163 + 165 – Nefqiet oħrajn relatati ma' persuni marbutin mal-istituzzjoni	2 485	2 861
Subtotal għat-Titolu 1	118 849	118 524
Titolu 2: Bini, proprjetà mobbli, tagħmir u nefqa mixxellanja tal-operat		
20 – Bini	14 611	18 518
210 – IT&T	6 500	6 365
212, 214, 216 – Proprjeta mobbli u spejjeż marbuta	816	877
23 – Nefqa amministrattiva kurrenti	422	404
25 – Laqgħat, konferenzi	893	868
27 – Informazzjoni u pubblikazzjoni	2 240	2 389
Subtotal għat-Titolu 2	25 482	29 421
Total għall-Qorti tal-Awdituri	144 331	147 945

IL-VERIFIKA U L-OBBLIGU TA' RENDIKONT

Il-Verifika Interna

Is-Servizz tal-Verifika Interna tal-Qorti jgħin lill-Qorti tilħaq l-oġġettivi tagħha billi jevalwa l-ġestjoni tar-riskju, il-kontroll intern u l-proċeduri ta' ġestjoni, b'mod sistematiku u metodiku. Is-Servizz tal-Verifika Interna wkoll jagħmel rakkomandazzjonijiet biex itejjeb l-effiċjenza abbażi ta' evalwazzjonijiet tal-effettività tas-sistemi ta' kontroll intern tal-Qorti.

Matul l-2010, is-Servizz tal-Verifika Interna tal-Qorti: segwa r-rakkomandazzjonijiet tiegħu tas-snin ta' qabel; irreveda r-riforma tas-sistema ta' verifikazzjonijiet *ex-ante* tal-Qorti; ivverifika l-implimentazzjoni tas-sistema SOS II/SAP tal-Qorti; u ċċekkja l-konformità tas-sistema ta' televiżjoni biċ-ċirkuwitu magħluq ma' standards u b'rekwiżiti għall-protezzjoni tad-*data*. Il-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet ġew aċċettati u integrati fi pjanijiet ta' azzjoni korrettiva.

Il-Kumitat tal-Verifika tal-Qorti jimmonitorja l-attività tal-Awditur Intern u jiżgura l-indipendenza tiegħu. Huwa wkoll jiddiskuti u jieħu nota tal-programm ta' ħidma u tar-rapporti tal-Awditur Intern u jitlob (jekk hemm bżonn) lill-Awditur Intern biex dan iwettaq verifiki ta' suġġetti speċjali.

Mill-2009 s-Servizz tal-Verifika Interna tal-Qorti kien iċċertifikat b'mod pożittiv skont l-istandards tal-Istitut tal-Awdituri Interni, rikonoxxuti b'mod internazzjonali.

Il-Verifika Esterna tal-Qorti

Il-kontijiet annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri huma vverifikati minn awditur estern indipendenti maħtur mill-Qorti. Dan huwa element importanti tal-isforzi tal-Qorti biex ikun żgurat li din tapplika l-istess prinċipji ta' **trasparenza u obbligu ta' rendikont** lilha nfisha bħalma tagħmel lil min qiegħed jiġi vverifikat.

Ir-rapport tal-awditur estern – PricewaterhouseCoopers Sàrl – dwar il-kontijiet tal-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2009 ġie ppubblikat f'Ottubru 2010⁷.

⁷ ĠU C 279, 15.10.2010.

L-OPINJONIJIET TAL-AWDITUR ESTERN – IS-SENA FINANZJARJA 2009

DWAR IR-RENDIKONTI FINANZJARJI:

“Fl-opinjoni tagħna, dawn ir-rendikonti finanzjarji jagħtu stampa reali u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-31 ta’ Diċembru, 2009, u kif ukoll tal-prestazzjoni finanzjarja tagħha u l-likwidità tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju, 2002, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta’ Diċembru, 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill imsemmi u r-Regoli tal-Kontabilità tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.”

DWAR L-UŻU TAR-RIŻORSI U L-PROĊEDURI TA’ KONTROLL:

“Abbażi ta’ xogħolna deskritt f’dan ir-rapport, xejn ma ġibed l-attenzjoni tagħna li jġegħelna nemmnu li fl-aspetti materjali kollha u abbażi tal-kriterji deskritti hawn fuq:

- (a) ir-riżorsi assenjati lill-Qorti ma ntużawx għall-għanijiet li kienu intenzjonati għalihom;
- (b) il-proċeduri ta’ kontroll fis-seħħ ma jagħtux il-garanziji meħtieġa biex jiżguraw il-konformità tal-operazzjonijiet finanzjarji mar-regoli u r-regolamenti applikabbli.”

Id-Dikjarazzjoni mill-Uffiċjal ta' Awtorizzazzjoni b'delega

Jien hawn taħt iffirmit, is-Segretarju Ġenerali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fil-kapaċità tiegħi bħala uffiċjal ta' awtorizzazzjoni b'delega:

- niddikjara li l-informazzjoni li hemm f'dan ir-rapport hija sħiħa u preċiża; u
- niddikjara li għandi assigurazzjoni raġonevoli li:
 - ir-riżorsi assenjati lill-attivitajiet deskritti f'dan ir-rapport intużaw għall-għan li għalih kienu intenzjonati u skont il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba; u
 - il-proċeduri ta' kontrolli fis-seħħ jagħtu l-garanziji meħtieġa rigward il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom il-kontijiet huma bbażati u jiżguraw trattament adegwat tal-allegazzjonijiet ta' frodi jew frodi suspettata.

Din l-assigurazzjoni hija bbażata fuq il-fehma tiegħi u fuq l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tiegħi, bħar-riżultati tal-kontrolli *ex post*, ir-rapporti tal-awditur intern u r-rapporti tal-awditur estern għal snin finanzjarji preċedenti.

Nikkonferma li m'għandi l-ebda għarfien dwar kwalunkwe ħaġa li mhijiex irrappurtata hawnhekk li tista' tkun ta' detriment għall-interessi tal-istituzzjoni.

Il-Lussemburgu, l-24 ta' Marzu 2011.

Eduardo RUIZ GARCÍA



Segretarju Ġenerali

IT-TMEXXIJA TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija l-istituzzjoni tal-verifika esterna tal-Unjoni Ewropea, ibbażata fil-Lussemburgu. Il-Qorti topera bħala **korp kolleġġjali** ta' 27 Membru, wieħed minn kull Stat Membru. Il-Membri tagħha jinħatru mill-Kunsill, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, għal mandat ta' sitt snin li jista' jiġġedded. Il-Membri jeleġġu wieħed minn fosthom bħala President għal mandat ta' tliet snin li jista' jiġġedded.

Il-Qorti hija organizzata f'**Awli**, li fihom huma assenjati l-Membri. L-Awli jħejju rapporti u opinjonijiet biex jiġu adottati mill-Qorti. L-Awli tal-Verifika I sa IV jkopru oqsma differenti ta' dħul u nefqa, u l-ħames waħda, l-Awla CEAD, hija responsabbli minn kwistjonijiet orizzontali. L-Awli huma sostnuti minn Direttorati tal-Verifika tal-persunal. Wara r-reviżjoni tal-2010 tar-**regoli ta' proċedura** tal-Qorti, ċerti kategoriji tar-rapporti u tal-opinjonijiet tal-Qorti jistgħu jiġu adottati minn Awli, aktar milli l-Qorti kollha kemm hi.

Il-**kumitat amministrattiv** huwa ppresdut mill-President u kompost mid-Dekani tal-Awli u s-Segretarju Ġenerali (l-impjegat taċ-ċivil l-aktar anzjan tal-istituzzjoni tal-UE, responsabbli mis-servizzi amministrattivi u ta' sostenn). Il-kumitat jaqdi rwol ta' koordinazzjoni u jħejji deċiżjonijiet tal-Qorti dwar kwistjonijiet ta' ppjanar strateġiku, ġestjoni tal-prestazzjoni u affarijiet amministrattivi.

Kull **Membru** huwa responsabbli minn kompiti speċifiċi, primarjament fi ħdan il-verifika. Il-Membri jippreżentaw proposta u rapporti tal-verifika dwar il-kompiti li għalihom huma responsabbli fil-livell tal-Awla u tal-Qorti. Ladarba rapport ikun ġie adottat, il-'Membru Relatur' jippreżentah lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lil partijiet interessati rilevanti oħra. Il-Membri huma sostnuti mill-persunal tal-uffiċċju privat tagħhom u mit-tim assenjat għall-kompitu tal-verifika.



Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Ir-Rapport ta' Attività Annwali għall-2010

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2011 – 46 pp. – 21 × 29,7 cm

ISBN 978-92-9237-102-9

doi :10.2865/9794

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:

- permezz tal-Ħanut tal-Kotba tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' tikseb id-dettalji tal-kuntatt mil-link <http://ec.europa.eu> jew billi tibgħat fax f'dan in-numru: +352 2929-42758

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-Ħanut tal-Kotba tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>);

Abbonamenti bi ħlas (pereżempju s-serje annwali ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u l-rapporti fuq kawżi li hemm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea):

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

www.eca.europa.eu





Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG
www.eca.europa.eu



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-9237-102-9



9 789292 371029